# Pussess tal-Gran Mastri u Ingress ta' l-Isqfijiet sa nofs is-Seklu Għoxrin


Guido Lanfranco

**Fl-antropoloġija, l-istudju tad-drawwiet tal-bniedem fl-ambjent tiegħu fil-komunità, niltaqgħu ma' ħafna ċerimonji, festi, ritwali u tradizzjonijiet li, jekk noqogħdu naħsbu ftit dwarhom, nindunaw li mingħajrhom l-attivitajiet bażiċi tal-ħajja xorta waħda jibqgħu għaddejin, u tassew minnu li f'każi ta' emerġenza jew kriżi l-bniedem ifittex biss il-bżonnijiet u mhux iċ-ċerimonji. Iċ-ċelebrazzjonijiet kollha għandhom aspett psikoloġiku li jgħaqqad u fl-istess ħin jikkontrolla l-bilanċ u l-ordni fil-komunità.**

**Il-pussess u l-ingress: spettaklu fit-toroq**

**Bħala eżempju nsibu l-festi u ċ-ċelebrazzjonijiet spettakolari li kienu u għadhom isiru f'okkażjonijiet bħal vittorja fi gwerra, rebħa amministrattiva jew politika, għażla ta' Papa, ta' isqof, u ta' gran mastru, żjara minn renjant, superjur jew kmandant ieħor u ċerimonji bħalma kienet dik tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Belt Valletta. Jekk inkomplu naħsbu aktar nistgħu ngħidu li dawn il-persunaġġi involuti kollha jistgħu, jekk iridu, jibdew xogħolhom l-għada stess li jinħatru mingħajr ċerimonji imma kollha jispiċċaw jagħmlu manifestazzjoni pubblika biex jikkonfermaw is-superjorità ammi- nistrattiva. Il-poplu, min-naħa tiegħu, juri l-approvazzjoni tiegħu u jieħu pożizzjoni ta' koperazzjoni jew sottomissjoni materjali jew spiritwali skond il-każ. Dan il-proċess fis-subkonxju normalment jassigura stabbilità kommunali.**

Għalhekk insibu li meta kien jitla' gran mastru ġdid mhux biss kien jassumi r-rwol tiegħu imma wara ftit kien imur għall-pussess simboliku fl-Imdina biex juri s-superjorità tiegħu fuq il-gżira, u l-università ta' l-Imdina turi s-sottomis- sjoni u l-approvazzjoni tagħha u tal-poplu Malti. Hekk ukoll bdew jagħmlu l-isqfijiet fl-istess żmien billi jagħmlu l-ingress fl-Imdina biex jirċievu l-approvazzjoni tal-kleru, tar-reliġjużi u tal-Maltin. Mhux biss kien isir pussess jew ingress imma wkoll jiżżejjen kullimkien bl-ark trijonfali, bnadar u skriz- zjonijiet ta' merħba u tifħir, jintlibsu l-aħjar ilbies, isiru saluti ta' tiri jew musketterija, jindaqqu l-qniepen, jinqraw indirizzi ta' merħba, jingħataw bukketti, u min ikun minn fuq iqassam ħobż jew flus simbolu ta' potenza, rikkezza, awtorità. Biċ-ċapċip u l-għajat il-poplu juri l-approvazzjoni jew sottimissjoni ġenerali, ukoll jekk ikun hemm individwi jew setturi li ma jaqblux. Il-manifestazzjonijiet rikki u festivi u kulma jsir fil-pubbliku f'dawn


1915 - Mons. Mawru Caruana (1867-1943) ġie kkonsagrat Isqof ta' Malta mill-Kardinal Merry del Val fil-Bażilika Santa Maria in Trastevere fl-10 ta' Frar 1915. Imbagħad fid-19 ta' April għamel l-Ingress tiegħu fil-Kattidral ta' l-Imdina, sede arċiveskovili. Dakinhar kellha ssir il-festa titulari ta' San Publju, fil-Floriana, fejn kien twieled Mons. Caruana. Fuq xewqa tiegħu l-festa ġiet trasferita b'ġimgħa u b'hekk l-ewwel festa li ċċelebra l-Isqof Caruana kienet dik ta' San Publju. Id-drawwa antika ta' l-Ingress Solenni ta' l-Isqof fil-Kattidral għandha xebh ma' l-Ingress ta' Ġesù f'Ġerusalemm.

kine meta l-poplu aktar jisfoga f'dak li hu superjuri għalih, billi jsir ilbies, maskri, imitazzjonijiet u għamla ta' reċti fit-toroq u fuq karrijiet li jikkritikaw lil min ikun ta' klassi, settur, partit jew livell ta' ħajja differenti. Għalhekk l-awtoritajiet irażżnu, jikkontrollaw, iwiddbu u jdumu jaħsbuha biex joħorġu permessi, ukoll jekk l-individwu għandu kull dritt jesprimi ruħu mingħajr vjolenza.

**Pussess solenni u simboliku tal-Gran Mastri**

Sa żmien l-Ordni ta' San Ġwann, Malta kienet ġeneralment tappartjeni lil min kien ir-re, imperatur jew kmandant li jsaltan fuq Sqallija u, għalkemm dawn kienu ta' sikwit iwiegħdu li Malta ma tingħatax f'idejn mexxejja oħra, xorta waħda kienu jagħmlu li jaqblilhom, u kien Karlu V li kompla jikser il-wiegħda billi għaddiha f'idejn il-Kavallieri. Għalhekk, għalkemm il-Maltin kellhom il-gvern lokali tagħhom, il-Gran Mastri xorta kienu fuq kulħadd għax Malta kienet f'idejhom u biex jiġi stabbilit dan kollu kull Gran Mastru li jitla' kien jagħmel iċ-ċerimonja tal-pussess imma fl-istess ħin jieħu ġurament li jirrispetta l-privileġġi tal-Maltin. F'diversi dokumenti u kitbiet insibu deskrizzjoni ta' kif kien il-pussess solenni fl-Imdina mill-Gran Mastri.



Il-Granmastru L'Isle Adam jieħu l-pussess fl-Imdina

Ħlief għal xi ftit modifikazzjonijiet kultant, il-proċess tal-pussess ta' Gran Mastru kellu dejjem l-istess tifsila bażika. Il-Gran Mastru jisma' quddiesa fil-kappella tal-palazz tiegħu għal xi l-erbgħa ta' filgħodu. Billi t-trasport kien dejjem biż-żwiemel u bil-karozzelli, it-triq lejn l-Imdina kienet tieħu ż-żmien, għalhekk il-Gran Mastru kien jitlaq dejjem kmieni bil-karrozzella miġbuda minn sitt żwiemel, akkumpanjat minn għadd ġmielu ta' aktar karrozzelli (imma b'anqas żwiemel, skond il-grad u l-preċidenza) bil-personalitajiet importanti ta' l-Ordni u tal-Knisja u magħhom ħafna kavallieri rekbin iż-żwiemel. Matul it-triq kienu jinġabru nies mill-irħula tal-qrib biex jaraw l-isfilata imponenti. Xi tliet kilometri bogħod mir-Rabat kien isib miġburin uffiċjali mill-Imdina u kbarat oħra mill-qrib u dawn jilqgħuh u jitilgħu jakkumpanjawh fuq quddiem lejn l-Imdina. Meta nbena l-palazz ta' San Anton, il-Gran Mastru kien ġeneralment imur fih minn lejlet il-pussess biex ikollu triq iqsar. Meta jaslu r-Rabat il-Gran Mastru kien jerġa' jisma' quddiesa oħra f'San Mark ta' l-Agostinjani kif kien għamel L'Isle Adam fl-ewwel pussess tal-1530. L-inħawi tar-Rabat u l-Imdina kienu jkunu mimlijin nies, kbarat u suldati, fost daqq ta' qniepen, baned, innijiet, murtali u musketterija, tiżjin bid-damask, bnadar, arki trijonfali, standardi u skrizzjonijiet ta' tifħir bil-Latin.



Il-pittura turi lill-Granmastru l'Isle Adam bil-Madonna tal-Grazzja f'idu

Wara l-quddiesa kulħadd kien jersaq lejn is-salib ta' barra l-Imdina, fejn il-ġurati jippreżentawlu bukkett tal-ganutell kif kienu jagħmlu lill-kbarat li jżuruhom. Il-Gran Mastru kien jimxi taħt baldakkin lejn

bieb l-Imdina li jkun magħluq bħala parti miċ-ċerimonja. Waqt li għaddejin fost it-tiżjin, daqq u applaws it-teżorier tal-Gran Mastru kien jixħet muniti fuq in-nies (li kważi kienu joqtlu 'l xulxin biex jaħtfuhom). Quddiem il-bieb kien hemm il-pont. Hemm il-Gran Mastru kien joqgħod għarkobbtejh fuq ġinokkjatur u l-prim ġurat jippreżentalu kurċifiss biex jieħu ġurament li se jirrispetta l-privileġġi tal-Maltin. Wara dan jagħtuh ċwievet tal-fidda biex jiftaħ il-bieb ta' l-Imdina. Ġewwa jgħaddi taħt ark trijonfali kollu skrizzjonijiet, tpinġija u dekorazzjoni u hemm tifel żgħir kien jaqralu indirizz. Fost il-briju, qniepen, murtali u l-kumplament il-proċessjoni kollha kienet tasal sal-kattidral, u hemm jitkanta t-*Te Deum*.

Kienet tradizzjoni f'dawn l-okkażjonijiet li quddiem il-kattidral l-avukat tal-fqar jitlob lill-Gran Mastru biex jaħfer u jeħles lil xi ħabsin foqra u dawn kienu kollha. Il-Gran Mastru kien jaċċetta u l-meħlusin imorru jbusulu idu. Minbarra hekk l-università kienet toffri lill-Gran Mastru abbundanza ta' ikel u ħlewwiet li hu, min-naħa tiegħu, kien iqassam, bi ftehim u preparazzjoni minn qabel, lil xi uffiċjali prinċipali involuti fl-okkażjoni, lill-kunventi u l-isptar tar-Rabat, lill-kapitlu tal-kattidral u lill-istess università, dejjem b'turija ta' rieda tajba u koperazzjoni. Meta nbena l-kastell ta' Verdala l-Gran Mastri kienu jmorru hemm għall-ikla ta' l-okkażjoni wara li tispiċċa l-festa.

### L-ingress ta' l-isqfijiet fil-kattidral ta' l-Imdina

Fl-istess żminijiet tal-kavallieri l-isqfijiet ġodda kienu jagħmlu l-ingress tagħhom fil-kattidral ta' l-Imdina għax dak kien is-sede tal-Knisja f'Malta u hemm kellhom ukoll il-palazz tagħhom. Iżda l-isqfijiet ma baqgħux lura fil-manifestazzjonijiet esterni tal-pussess meta mqabblin ma' l-ingress tal-Gran Mastru; anzi jidher li kienu jippikaw bejniethom fl-armar. Id-daħla ta' l-isqfijiet f'dawk iż-żminijiet kienet kollha pompa, tiżjin, arki, bnadar, skrizzjonijiet, mużika, musketterija, qniepen u briju kif kienet tal-Gran Mastri. Ukoll meta spiċċaw il-kavallieri minn Malta fl-1798 l-isqfijiet baqgħu, sa nofs is-seklu għoxrin, jagħmlu l-ingress tagħhom bil-kbir, bl-istess briju u pompa, mill-Belt għall-Imdina. Hawn naraw ftit eżempji ta' ingressi ta' isqfijiet.

Alpheran de Bussan laħaq f'Marzu tal-1728 u għamel l-ingress fit-26 ta' Ġunju. Lejlet l-ingress wara nofsinhar qassisin, kbarat u personalitajiet oħra marru rekbin fuq iż-żiemel lejn il-Belt biex jistennew lill-isqof joħroġ mill-palazz tiegħu u jakkumpanjawh sa l-Imdina. Ħareġ bil-kaless b'erba' żwiemel u xi kanonċi u uffiċjali tal-kurja f'kalessi oħra u ċ-ċeremonier f'kaless għalih. Ħ'Attard laqgħuh il-kleru u n-nies mir-Rabat. Il-kappillan wasslu sal-parroċċa għat-*Te Deum* fost daqq ta' qniepen, bnadar, maskli u briju. Meta wasal ir-Rabat kien hemm jistennewh il-kaptan tal-virga, il-ħakem, il-kbarat ta' l-Imdina u uffiċjali oħra libsin l-iswed, flimkien ma' qassisin rikbin iż-żiemel. Kulħadd niżel minn fuq iż-żiemel u l-isqof ħareġ mill-karrozzella. Saru l-kumplimenti, bews ta' idejh u inkini. L-isqof rikeb żiemel abjad u mar lejn id-Dumnikani tar-Rabat fejn niżel, bierek lil kulħadd u daħal fil-kunvent fejn kellu jgħaddi l-lejl qabel l-ingress solenni. Meta d-Dumnikani tar-Rabat bnew il-kunvent f'nofs is-seklu ħmistax, l-isqof ta' dak iż-żmien kien krielhom l-art b'ċens nominali ta' tliet tari, għalhekk kienu jistednuh jiċċena u jorqod għandhom. Tant kellhom faqar li qatt ma ħallsu ċ-ċens. Alpheran ħafirulhom u, minħabba f'hekk, minn dak iż-żmien 'il quddiem, l-isqfijiet komplew imorru aktar bħala dritt milli mistednin. L-għada filgħodu l-ħakem, il-kavallieri u l-kumplament marru quddiem id-Dumnikani biex jak



L-Isqof Pietru Pace jieħu l-pussess fil-11 ta' Frar 1889 fl-Imdina

kumpanjawh. Quddiem l-Agostinjani niżel, daħal jilbes ilbies pontifikali u daħal l-Imdina riekeb id-debba bajda. Fi triqtu għadda qalb bnadar, skrizzjonijiet, briju, ark trijonfali u d-daqq tal-qniepen kollha, musketterija, mużika u l-kumplament. Il-Gran Mastru, l-inkwiżitur u l-kbarat kienu joqogħdu fil-gallarija tal-*banca giuratale* u nies fit-twieqi u t-toroq.

Bartolomeo Rull, fis-27 ta' Ġunju 1758, ukoll kellu ingress fuq l-istess linji. Fil-jum ta' l-ingress il-bibien tal-Belt Valletta nfetħu fis-sagħtejn ta' filgħodu biex in-nies jistgħu jibdew jimxu lejn ir-Rabat. Sadattant il-Gran Mastru Pinto telaq mill-Belt f'xi l-4 ta' filgħodu mal-kavallieri u l-kbarat ta' madwaru bis-suldati, fi sfilata ta' qrib mitejn karrozzella u kaless, u sagħtejn wara waslu l-Imdina. Hemm Pinto straħ fil-palazz, libes ilbies fin, sema' l-quddies għand is-sorijiet Benedittini u wara mar fil-gallarija tal-*banca giuratale* biex jistenna d-daħla ta' l-isqof. Rull daħal l-Imdina fuq debba bajda (kienet debba bajda verġni!) mal-kaptan tal-virga u s-segreto tal-Gran Mastru u warajhom, rekbin iż-żwiemel daħlu n-nobbli, il-kleru u l-kumplament. Dan kollu fost tiżjin, qniepen, briju u maskli, arki trijonfali u bnadar. Wara ċ-ċerimonja fil-kattidral l-isqof mar għall-ikla mal-Gran Mastru u kbarat oħra u wara nofsinhar kulħadd qagħad għat-tiġrijiet ta' l-Imnarja.

Gaetano Pace Forno kellu l-ingress fil-31 ta' Mejju 1858, żmien l-Ingliżi. Kien hemm it-tradizzjoni li meta jgħaddi l-Arċisqof is-suldati Ingliżi jagħtuh salut ta' l-artellerija bħalma jagħtu lil brigadier ġenerali. Is-segretarju ta' l-istat Ingliż, fl-1842 kien avża li din it-tradizzjoni ma kenitx se tibqa' sseħħ. Din ma tantx ingħatat importanza u s-salut baqa' jsir. Imma meta wasal għall-ingress Pace Forno l-kmandant tat-truppi rrifjuta li jingħata s-salut, ukoll meta ndaħal il-gvernatur, għax milli jidher ried iżomm ma' l-avviż tal-1842. Wara dan l-inċident saru l-iskużi lill-isqof u reġgħet ingħatat l-approvazzjoni għas-salut.

Mawru Caruana għamel l-ingress filgħodu fid-19 ta' April 1915. Lejlet l-ingress telaq mill-palazz tal-Belt Valletta wara nofsinhar bil-karrozzella b'erba' żwiemel u żewġ paġġi bilwieqfa fuq wara. Miegħu marru l-logotenent gvernatur, u membri tal-kurja. Kien hemm folol, tfal ta' l-istituti, daqq tal-qniepen u ċapċip kullimkien matul it-triq lejn ir-Rabat. Meta qorob lejn is-Saqqajja għal xi s-7 u nofs ta' filgħaxija, qalgħu l-karrozzella minn maż-żwiemel u mal-ħamsin raġel ġibduha sa fuq fost musketterija, baned, qniepen u briju; il-kuċċier tal-karrozzella tela' bil-bandiera tal-Papa f'idu. L-isqof wasal aktar tard għand id-Dumnikani li laqgħuh flimkien mal-kapitlu tal-kattidral. Daħal il-kunvent fejn sar indirizz mill-provinċjal Dumnikan u fl-aħħar spiċċaw biċ-ċena.

L-għada telaq mingħand id-Dumnikani bil-karrozzella akkumpanjat minn missieru f'oħra. Quddiemu kien hemm il-kanċillier tal-kurja fuq id-debba bis-salib ta' l-isqof u liebes l-ispellizza. Wara l-isqof imxew id-Dumnikani u l-ekonomu jew teżorier ta' l-isqof. Sadattant nies, qniepen u briju, tiżjin u musketterija kullimkien. Quddiem San Mark laqgħuh l-Agostin



Fir-ritratt għandna epoka li spiċċat għal kollox. Naraw id-dħul solenni ta' l-E.T. Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi, fil-belt l-antika ta' l-Imdina. Dan ir-ritratt ittieħed fit-22 ta' Mejju 1944. Nistgħu naraw il-mod kif hu armat iż-żiemel li fuqu riekeb l-Arċisqof u l-baldakkin fl-għoli.

jani u l-Kapitli ta' l-Imdina u ta' Birkirkara kif ukoll kappillani tal-parroċċi libsin ilbies korali. Ġie eskortat sal-presbiterju fejn libes il-kappa u l-mitra u wara xi talb ħareġ u rikeb id-debba bajda taħt baldakkin miżmum min-nobbli. Kulħadd mexa lejn l-Imdina bil-fratellanzi tar-Rabat quddiem. Id-debba bdiet titħawwad f'dak l-istorbju u ċaqliq u l-isqof beda kultant itaptpilha fuq għonqha b'idu x-xellugija u jbierek lin-nies bil-lemin... Fl-Imdina għadda minn taħt l-ark trijonfali ħdejn il-*banca giuratale* fejn id-dekan tal-kattidral qralu indirizz bit-Taljan. Il-gvernatur u dinjitarji oħra kienu fil-gallarija u sorijiet u nies oħra fit-twieqi. L-isqof niżel minn fuq id-debba quddiem il-kattidral, daħal u intona t-*Te Deum*. Saret quddiesa pontifikali, priedka bit-Taljan u barka papali. Wara kollox mar is-seminarju għall-ikla mal-gvernatur, l-ammiral u ma' ħafna mistednin distinti oħra. F'sala oħra ppranzaw il-kappillani. Wara nofsinhar saru t-tiġrijiet u bint il-gvernatur qassmet il-palji. Meta spiċċa kollox l-isqof mar lura fil-palazz tal-Belt Valletta. Tajjeb ngħidu li l-mitra ta' l-ingress kienet ta' l-isqof Balaguer Camarasa (1635), il-baklu ta' l-isqof Pellerano (1702), il-pjaneta ta' l-isqof Sant (1848), il-pivjal ta' l-isqof Mattei (1808) u l-baldakkin ta' żmien il-Gran Mastru Raphael Cotoner (1660). Ngħidu wkoll li l-kapitlu ta' Birkirkara kien imdaħħal fl-ingress minħabba li kien l-ewwel kapitlu ta' parroċċa li fl-istorja ta' l-ingressi ħa parti.

L-isqof Michele Gonzi kellu l-ingress fit-22 ta' Mejju 1944. Il-gvernatur Gort ordna li dak il-jum kellu jkun btala pubblika biex in-nies jistgħu jattendu. Lejlet l-ingress l-Isqof Gonzi telaq fil-5 ta' wara nofsinhar mill-palazz tal-Belt bil-karozzella b'erba' żwiemel u l-kavallerija tal-pulizija quddiem wasslitu sa Putirjal, fost daqq ta' qniepen, u taż-żewġ baned tal-Belt li daqqew l-innu tal-Papa. Matul it-triq lejn ir-Rabat in-nies u t-tfal ta' l-istituti u l-għaqdiet ixejru, iċapċpu u jgħajtu waqt id-daqq tal-baned. Fl-inħawi tas-Saqqajja kullimkien kien mixgħul u mżejjen bi bnadar fost daqq mill-baned, musketterija, gwardja tal-R.M.A., diskorsi u bukketti. Fl-aħħar wasal għand id-Dumnikani.

L-għada filgħodu fit-8 u nofs ħalla lid-Dumnikani u beda triqtu bil-karrozzella liebes il-kappell aħdar u l-kappa manja, quddiemu d-Dumnikani u l-kanċillier tal-kurja bl-ilbies korali, riekeb fuq żiemel abjad. L-isfilata waslet quddiem l-Agostinjani fejn l-isqof waqaf għat-talba u bies il-kurċifiss, ġurament ta' fedeltà. Fost kant u mużika libes l-ilbies pontifikali. Minn hawn iffurmat proċessjoni bil-fratellanzi quddiem, kunventi, seminaristi, kappillani, u l-kapitli ta' Birkirkara, ta' l-Imdina u tal-kattidral t'Għawdex, kif ukoll l-isqof Emanuele Galea. Hawn l-isqof Gonzi libes mitra vjola, rikeb debba bajda mgħottija bid-drapp abjad u isfar, u bir-riedni u l-lasti tal-baldakkin miżmumin minn personalitajiet distinti, fost il-musketterija (għax żmien ta' gwerra ma setgħux jisparaw azzarini). (Ta' min jgħid li d-debba kellha tkun bajda u verġni!) Lejlet din l-okkażjoni lid-debba għamlulha *rehearsal* b'ħafna tfal jgħajtu u jċapċpu ħdejha biex l-għada ma tibżax! Ġewwa l-Imdina l-Isqof għadda taħt l-ark trijonfali fejn il-banda Count Roger daqqet l-innu tal-Papa. Fil-gallarija tal-*banca giuratale* kien hemm il-gvernatur u kbarat oħra. Id-debba telgħet it-taraġ tal-kattidral, l-isqof niżel u bierek lin-nies waqt li l-banda L'Isle Adam daqqet l-innu tal-Papa. Daħal fil-kattidral u intona t-*Te Deum* u komplew il-funzjonijiet ta' ġewwa.

Minn dak iż-żmien spiċċaw il-manifestazzjonijiet kif kienu mfasslin fuq dawk ta' stil barokk ta' żmien l-Ordni. L-Arċisqof Pawl Cremona, Dumnikan, inħatar fl-ewwel ta' Diċembru 2006. Fis-26 ta' Jannar 2007 saret l-ordinazzjoni tiegħu fil-kon-kattidral ta' San Ġwann, fejn wasal wara li telaq mill-kunvent tad-Dumnikani f'Tas-Sliema. Fil-jiem ta' qabel, kif ukoll dakinhar ma setgħux jonqsu ċ-ċerimonji interni u l-manifestazzjonijiet esterni ta' ferħ minn kulħadd, imma kollox sar bi stil wisq differenti minn kif kien isir qabel.

**Guido Lanfranco**

***Inħeġġu lil kulħadd biex iżejjen il-gallariji u l-faċċati tad-djar tiegħu bi dwal, liedna, inkwatru tal-Madonna eċċ., speċjalment minn fejn tgħaddi l-Madonna, u min jixtieq xi għajnuna jkellem lil ta' l-armar.***